**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 50 Parti "A"

**11 ta' Novembru, 2016**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru fl-4.30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 50.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**50.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 50.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**50.2.1 Is-Sindku stqarr li l-*accounts* li ippreżenta l-*accountant* kien fihom żball u kienu qiegħdin juru li l-Kunsill għamel telf ta 35,000 Euro fid-disgħa xhur li għaddew. L-*accountant* induna bl-żball u innotifikana li l-kunsill għamel surplus ta' 5,000 Euro.**

**50.2.2 Is-Sindku stqarr li jeżisti kors fl-livell ta' diploma li qiegħed jingħata minn PWC li għalih qiegħda tattendi l-skrivana Yasmine Tonna. Is-Sindku propona li dan il-kors li jiswa 1,600 Euro jiġi mħallas mil-Kunsill biex ikompli jsir investiment fl-istaff.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**50.2.3 Is-Sindku stqarr li il-Kunsill għandu bżonn jinvesti f'żewġ *laptops*. Wieħed biex jintuża mis-Segretarju Eżekuttiv u l-ieħor biex jintuża minnu stess. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru tlett kwotazzjonijiet u jinxtraw *laptops* tajbin.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**50.2.4 Is-Sindku stqarr li f'Festa Rizzi li saret fis-sajf li għadda kien hemm xi problemi u m'għandhomx jitħallsu affarijiet li ma konniex kuntenti bihom. Il-*Budget* li kien mgħoddi lil *Two Minds Event* biex jipprepara l-attivita' kien inqas mil-*invoice* li bagħtu.**

**E Muscat – L-ispiża tal-luzzu kienet żejda. *Two Minds Event* għandhom jitħallsu madwar 4,000 Euro, l-ammont li kien miftiehem fil-*Budget*.**

**F Roe – Ir-rizzi spiċċaw kmieni u kien hemm ħafna nies li baqgħu b'xejn.**

**Sindku – Il-kwalita tal-pizza ma kinietx tajba peress li kien fiha ftit rizzi fuqha.**

**L Cachia Castelletti – It-tieni *cashpoint* damet biex infetħet u kien hemm ħafna garr minn nies.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li *Two Minds Event* jitħallsu is-somma ta**

**4513.04 Ewro li tinkludi il-vat.**

**50.2.5 Is-Sindku stqarr li ħwejjeġ oħra li huwa ser jikkomunika fuqhom llum huma parti min punti oħra tal-aġenda, u għaldaqstant ser jiġu msemmija f'dawn il-punti waqt il-kors tal-laqgħa ta' llum stess.**

## 50.3 Rapporti

**50.3.1 E Muscat – Il-funtana qiegħda tkun vojta u għandna nimlewha għax ħa ssir xi ħsara. Trid tigi installata pompa. Teżisti sistema apposta li tintefa u tinxtegħel skond il-qawwa tar-riħ.**

**Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal din it-tip ta sistema.**

## 50.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**50.4.1 L-iskeda ta' pagamenti tal-kontijiet ġiet approvata b'mod unanimu mill-kunsill.**

## 50.5 Interim Accounts

**50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Interim accounts* li kienu ippreparati minn Rowen Bonello, l-*accountant* tal-Kunsill Lokali.**

**Il-Kunsill approva l-*accounts* b'mod unanimu.**

**50.6 *Performance Bonus* tal-*Community Workers***

**Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-formoli tal-*performance bonus* tal-*Community Workers* għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha issir rakkomandazzjoni lil *Community Workers Scheme Enterprise Foundation* li l-ħaddiema għandhom jinagħtaw *full performance bonus*. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ħaddiema għandhom ikunu infurmati dwar l-rwol u d-doveri tagħhom fil-kunsill u għandhom jirrispettaw il-ħin tax-xogħol.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

## 50.7 Il-laqgħa ma tlestietx u ser titkompla il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2016 fl-4.30 ta' filagħxija.

**50.7.1 Il-laqgħa twaqfet fis-7.30 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum l-Erbgħa 7 ta' Diċembru, 2016.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |